# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

Il-Ħamis, 28 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'12.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier (daħal fil-12.15pm)

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 24.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsillier Frankie Attard talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Id-DLG talab lill-Kunsilli Lokali jekk iridux li jkunu parti minn kollaborazzjoni fejn jitpoġġew sinjali ġewwa t-toroq li juru illi wieħed ma jistax juża l-kannabis fil-pubbliku. Il-KL qabel li jsiru.

24.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi r-Reġjun t'Għawdex approva t-talba tagħna illi jissupplixxi t-telescopes li tlabna biex jingħataw lil kull Kunsill bħala parti mill-attivita' ta' Minn Pjazza għal Pjazza.

24.3.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca bagħat talba lill-Ministru Clint Camilleri bil-petizzjoni li saret minn residenti ta' Triq is-Santwarju Puniku u l-viċinanzi dwar l-art in kwistjoni li hemm il-ħsieb li tiġi żviluppata. Din il-petizzjoni saret sabiex l-art tibqa waħda pubblika.

24.3.4 Kercem Ajax FC qed jitolbu illi t-tennis court ta' mat-triq jiġi mgħoddi lill-Kercem Ajax FC għal numru ta' snin sabiex parti minnu jsir pitch tal-Padel u l-bqija jibqa' parkeġġ. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta iżda jrid ikun ċert illi t-tinda jkun hemm wisa' biżżejjed għaliha. Jekk ikun hemm biżżejjed wisa' għat-tinda, il-Kunsill qabel illi nitolbu l-approvazzjoni tal-Lands u wara jsir agreement għal perjodu ta' żmien peress li s-Sindku qal li humwa ma jridx jorbot Kunsill ieħor wara din il-leġiżlatura. Il-Kunsillier Horace Vella qal li tajjeb li nżommu kundizzjoni li jekk jinqalgħu xi fondi li nħammlu s-sit sabiex isir proġett ħolistiku, il-Kunsill ikun jista' jagħmel dan. Huwa qal li 'l quddiem tajjeb li wieħed jaħseb li jsir parkeġġ taħt, xi sala u t-tinda xorta tkun tista' tintrama' fuq. Kerċem Ajax FC għandhom issa jibgħatu l-pjanta uffiċċjali tal-Perit.

24.3.5 Is-Sindku qal illi kellmitu l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Kosovo fejn infurmatu li tixtieq li jibdew isiru xi tip ta' diskussjonijiet bejn il-belt ta' Peja ġewwa l-Kosovo u Ta' Kerċem peress li hemm xi affarijiet in komuni speċjalment fil-qasam tal-

agrituriżmu. Għalhekk, ser inkunu qed nistiednu lis-Sindku ta' Peja għal jumejn ġewwa Ta' Kerċem sabiex isiru xi diskussjonijiet u jdur ir-raħal tagħna.

24.3.6 Irċevejna risposta mingħand TM illi l-un/loading bay fi Pjazza Orvieto se ssir flok il-Keep Clear ta' fejn il-Kunsill Lokali. Din ser tkun bil-ħinijiet li ġejjin: 7am – 1pm, 4pm – 6pm.

24.3.7 Is-SE qalet li nistgħu nerġgħu napplikaw għal Christmas in Gozo. Ġie deċiż li napplikaw biex inżejna Pjazza Salvatore Busuttil bħas-sena l-oħra.
Is-Sindku spjega illi rċevejna stima għar-replika tal-kurċifiss taċ-ċomb li hija ta' Eur3,370. Ħa nġibu stejjem oħra sabiex inkunu nistgħu nagħżlu l-irħas.

24.3.8 Dwar ir-rilokar tal-uffiċini tal-LESA, is-Sindku qal illi l-fatt li ser ikun hawn l-uffiċini ġewwa Ta' Kerċem ma jfissirx li se jiżdiedu l-wardens f'Ta' Kerċem. Huwa qal li aċċertawna illi dan mhuwiex minnu. Bħala kirja, il-Kunsill iddeċieda li jitlob Eur5,000 fis-sena għal ħames snin.

## 24.4 Attivita' mar-Reġjun t'Għawdex u Kerċem Ajax FC

Is-Sindku fakkar li din l-attivita' ser issir nhar is-6 ta' Settembru. Huwa żied jgħid illi ser issir logħba bejn dawk li ħadu l-league 40 sena ilu u għalhekk jaħseb li jkun xieraq li bħala Kunsill Lokali nagħtu tifkira żgħira lil dawn il-players u l-Kumitat ta' dakinhar. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 24.5 Ħarsa lejn l-attivita' Għad-Dell tal-Akwadott 2025

Is-Sindku rringrazzja lil kull min għen f'din l-attivita' b'mod speċjali l-Kunsillier Horace Vella tal-għajnuna kbira tiegħu u għall-post li għażel għax kienet suċċess kbir. Il-Kunsill iddiskuta xi punti u ħa nota tagħhom għal sena oħra sabiex l-attivita' dejjem tkun aħjar. Irringrazzja ukoll lill-Għaqdiet tal-għajnuna u l-parteċipazzjoni tagħhom. Id-data għas-sena d-dieħla aktarx ser tmur għat-8 ta' Awwissu 2026.

## 24.6 Milied 2025

Is-Sindku qal li issa nagħmlu mezz li niltaqgħu mal-għaqdiet u nerġgħu niddiskutu kif ser naħdmu din is-sena.

## 24.7 Attivita' ġdida fil-Ħarifa

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Horace Vella tkellmu illi hemm ċans li ssir attivita' ġdida għal żmien il-Ħarifa flimkien mal-Ministeru għall-Agrikultura. Huma qalu li din tkun tista' tinvolvi l-fniek, ħalib u ikel tradizzjonali Malti u aktarx tista' tittella

għal Novembru.  Ħadd ma sab oġġezzjoni u s-Sindku qal li ser naħdmu fuqha.

## 24.8 Symphony of lights u Fjakkolata 2025

Is-Sindku qal li din is-sena l-kunċert ta' Symphony of lights ser jittella' fl-10 ta' Ottubru 2025 filwaqt li l-Fjakkolata ser tkun nhar it-12 ta' Ottubru 2025.

## 24.9 Minn Pjazza għal Pjazza

Din l-attivita' qed isir ħafna xogħol fuqha u qed nikkolaboraw mill-koordinaturi Maltin.  Ser naħdmu mal-iskejjel u mal-banda u ser issir l-attivita' tal-Meteor Showers ġewwa l-Għadira ta' San Rafflu.

## 24.10 Librerija

Is-Sindku qal illi l-librara ġibdet l-attenzjoni illi Ta' Kerċem huwa l-unika raħal illi l-librerija lokali qegħda b'erba' siegħat fil-ġimgħa biss.  Hija lesta li tiftaħ sagħtejn oħra nhar ta' Erbgħa biex b'hekk tkun qed tiftaħ darbtejn fil-ġimgħa.  Madanakollu, il-Kunsill imbagħad ikollu jħallas tas-siegħat iż-żejda li jkun hemm.  Hawnhekk, is-Sindku ddikjara illi huwa għandu kunflitt ta' interess u għalhekk ħareġ mil-laqgħa sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk inżidux il-ħin tal-ftuħ tal-librerija.  Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ħin għandu jiżdied u l-paga ta' dawn is-sagħtejn fil-ġimgħa żejda se tkun qed toħroġ mill-Kunsill.

## 24.11 Ilmenti u Suġġerimenti

24.11.1 Ġie mfakkar illi l-Clean up day ser issir ma' Kercem Ajax fis-17 ta' Settembru.
Is-Sindku qal illi l-magna tad-dris issa għandna bżonn insibulha post fejn inżommuha.  Huwa qal li tkellem ma' Anthony Cauchi li lest jikri l-garage tiegħu b'Eur250 fix-xahar u jagħmlilha l-manutenzjoni fuqha.  Il-Kunsill qabel ma' dan.

24.11.2 Il-Viċi Sindu qalet illi fi Triq Pejpu hemm biċċa mit-triq li tagħti għal fuq il-wied li waqgħet.  Ser naraw x'irid isir u titranġa.

24.11.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab illi jinqata' l-bużbież minn fejn tal-boroż u nibdew navżaw fuq il-Facebook page meta jkun hemm xi triq li tkun ser tingħalaq.  Ħadd ma sab oġġezzjoni.

24.11.4 Is-Sindku qal illi fl-aħħar funeral li kien hawn f'Ta' Kerċem, ingħalqet it-triq mill-Pulizija tat-traffic.  Is-Sindku qal illi kellmu sid l-ispiżerija għax ma jridx li tingħalaq it-triq.  Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li t-triq għandha tingħalaq b'rispett għall-mejjet.

## 24.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 24.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.00pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Settembru 2025, fis-2.00pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv